# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħdax (11/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2015, fl-4pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni. Is-sur Francis Callus, il-Viċi Sindku, kien ċempel lis-Segretarju Eżekuttiv ġurnata qabel il-laqgħa biex javza li mhux se jkun jista jattendi peress illi kellu extra shift tax-xogħol. Il-Viċi Sindku kien skuzat mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku u l-kunsilliera kollha kienu magħrufin bir-raġuni tan-nuqqas tal-presenza tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |
| SKUŻATI: | Francis Callus | Viċi-Sindku |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur ġej biex jara x-xelter l-għada tal-laqgħa. Is-Sindku qal illi l-Perit innotta żewġ problemi fix-xelters li huma li fil-bidu qed iżomm ftit ilma u għandna naraw

kemm idum biex jiskula l-ilma. Il-Perit issuġerixxa li nagħmlu struttura żgħira biex in-nies jagħdu minn fuqha.

3.2 Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi tkellem ma kuntrattur illi jaf illi jagħmel ix-xogħol neċessarju fix-xelters [ref punt 3.4] u li dan talab l-ammont ta' €400 [VAT inkluz]. Żied illi hu lest jinzel miegħu biex jgħin fix-xogħol ħalli niffrankaw ftit spejjez u biex ikun hemm biex jgħin lil dan l-individwu. Qal illi hemm bzonn illi ssir saqaf fuq il-bankina, skrizjoni li tgħid għalfejn hemm is-saqaf, u jsiru loovers tal-aluminium. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi hi wkoll taf persuna li jagħmel dan it-tip ta' xogħol u li għandu jibgħat lil Kunsill għall-aktar informazzjoni.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħaddiema tal-IPSL għandhom imorru l-qorti minħabba l-kaz illi hemm bejn il-Kunsill u s-sur Francis Buhagiar [ref punt 3.8], nhar it-Tlieta 27 t'Ottubru 2015. Il-Kunsill qabel illi l-avukat għandu jiġi magħzul mis-Sindku u li l-Kunsill iħallas il-kontijiet professjonali t'avukat għall-ħaddiema. Il-Viċi Sindku staqsa jekk is-sur Buhagiar iprovda ċertifikat mediku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fir-rapport tal-pulizija kien hemm miktub illi kellu ċertifikat f'idejh. Il-Viċi Sindku qal illi l-avukat għandu jagħmel talba għal dan iċ-ċertifikat. Żied illi dawk il-linji li saru huma responsabilita tal-Kunsill u saru wara li ttieħdet deċizjoni mill-Kunsill.

3.4 Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi b'ġurament jaf illi daħlet l-emajl [ref punt 3.13] u li ma jixtieqx jaqbad fuq argumenti rigward dan il-kaz. Qal illi l-kunsilliera mhumiex kompliċi izda li hemm kunsillier illi qed jiddefendi l-ħazin.

**Il-kunsillier Carlo Stivala daħal fit-2.55pm**

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien qabel illi l-kantuniera naqset kif ġew izda s-Sindku qara l-Minuti li kienu ġew approvati fejn is-sur Busuttil kien qabel max-xogħolijiet li kienu saru, izda ma qabilx illi saru qabel ma kien jaf bih.
Il-Viċi Sindku qal illi xtaq illi ma jitkellimx fuqha izda ma jaqbilx illi emajl ma tressqitx quddiem il-mejda tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kemm il-darba emajls imorru fl-ispam jew kienu tpoġġew ġo folders oħrajn bi zball.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-għada tal-aħħar laqgħa kien bagħat emajl lil dawk it-tlett rapprezentanti ta' Transport Malta li kienu ġew u taw il-parir tagħhom rigward il-bays illi kien hemm, kif ukoll bagħat l-istess emajl lid-Direttur ta' Transport Malta. [Dan id-diskors intqal waqt il-qari tal-korrespondenza izda qed jitnizzel hawnhekk għax għandhom x'jaqsmu mal-punt] Fl-emajl talab illi jirċievi bil-miktub id-

diskors illi intqal bejn ir-rapprezentanti ta' TM u dawk tal-Kunsill u bagħat ukoll ritratti tal-post kif jinstab issa. Fir-risposta taghhom TM approvaw ix-xogħolijiet illi saru u kkonfermaw illi kienu ħarġu bis-suġġeriment tad-dotted white lines waqt il-laqgħa mal-Kunsill. Is-segretarju qal ukoll li l-Kunsill irċieva ittra bil-posta mid-Direttur ta' TM fejn kien hemm miktub id-daqs ta' kif għandhom ikunu parking bays [l-ittra ma kinitx risposta tal-emajl illi ntbagħtet ftit minuti qabel]. Is-Segretarju bagħat emajl fejn staqsa għalfejn irċieva l-ittra tad-Direttur. Fir-risposta ta' TM kien hemm miktub illi d-Direttur kienet inkluza fl-emajls u kienet taf bis-sitwazzjoni u li x-xogħol eżistenti kien approvat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ċempel lid-Direttur u wara ftit qalet illi 'm'hemmx għalfejn tieħu ħsieb' izda qatt ma rċieva risposta lura bil-miktub.

3.5 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemm update rigward l-attivita [ref punt 4.1]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa d-DLG ma bagħtu l-ebda risposta rigward il-fondi li għandna nieħdu. Il-Viċi Sindku qal illi kien ħa ħsieb ħafna attivitajiet u li fil-garaxx hemm ukoll sistema tad-dawl biex jintuza waqt dawn l-attivitajiet. Qal illi qatt ma ġie konsultat fil-pjanijiet tal-attivita li se ssir. Is-Sindku qal illi filwaqt li ma jsib l-ebda oggezzjoni li nuzaw din is-sistema, pero' qal li hu ma kienx jaf biha. Qal ukoll li l-attivita' kienet tressqet ghall-approvazzjoni waqt laqgha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal illi kien qal dan kollu waqt il-handover. Qal illi bil-flus li niffrankaw b'hekk il-fondi jintefqu fuq affarijiet oħra.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat emajl b'talba biex il-kunsilliera jgħidu fejn huma l-propjetatjiet fejn qegħdin jitħallew boroz suwed wara l-ħin tal-ġbir [ref punt 5.2] ħalli jieħu l-karti bl-informazzjoni rigward il-ġbir tal-iskart matul il-ġimgħa. Il-Viċi Sindku qal illi wieħed jista jinnota fejn huma dawn il-postijiet għax isib boroz barra għal xi 10am. Żied illi hemm individwu li qed jerġa jħalli l-imbarazz f'Misraħ San Mattew u fakkar illi diġa kellu azzjoni kontra dan il-persuna fil-leġislatura preċedenti. Is-Sindku qal li l-kaz ta' Misrah San Mattew jaf bih u diga' baghat messagg biex dan jitnehha minnufih. Qal li jekk dan ma jsirx kien se jinforma lill-Pulizija.

3.7 Is-Sindku qal illi l-persuna li għamel talba biex isir lampa ġdida fl-area Ta' Ġawhar aċċetta li l-Kunsill ma jistax iħallas biex isir dan ix-xogħol.

3.8 Il-Viċi Sindku skuza ruħu mal-Ambaxxatriċi s-sinjorina Silaine Cutajar, illi ma setax jattendi għall-attivita tal-Kunsill Lokali taż-żagħżagħ għat-tneddija tal-proġett tagħhom. Hu oġġezzjona li kien hemm post fuq sit tal-medja soċjali fejn intqal illi l-KLŻ sabu diffikultajiet fit-triq tagħhom lejn il-konkluzjoni tal-proġett għax ħass illi dejjem kien t'għajnuna għalihom, dejjem offra s-sala biex jagħmlu l-laqgħat tagħhom. Qal illi meta kien Sindku kien ħadem ħafna biex huma jilħqu l-għan tagħhom b'dan il-proġett.

Is-sinjorina Cutajar qalet illi sabu diffikultajiet biex jiltaqgħu bħala grupp, biex isibu intervisti, eċċ u mhux minħabba l-Kunsill Lokali.
Il-Viċi Sindku staqsija min minn kunsilliera kien hemm għaż-żagħżagħ tul dan il-proġett kollu. Is-sinjorina Cutajar qalet illi meta kien hu bħala Sindku dejjem sabu l-għajnuna, l-istess mis-Sindku kurrenti, kif ukoll mill-kunsilliera Joanna Abdilla. Il-Viċi Sindku fakkar illi hu kien isponsorja l-proġett u li hu biss kien ħadem fuq dan il-proġett qabel ma ntrebaħ. Għalhekk iħoss illi kull kumment illi ntqal fuq facebook kien frivolu u ma qabilx illi l-KLŻ sabu diffikultajiet.
Is-Sindku qal illi ma setax jifhem il-punt tal-Viċi Sindku u li ħadd ma qal illi sabu diffikultajiet mingħandu fil-leġislatura preċedenti. Sostna li l-problemi nqalghu waqt l-implimentazzjoni tal-progett peress li kien hemm xi zghazagh li telqu mill-grupp u kif ukoll inbidlet il-youth worker. Pero' fortunatament bl-ghajnuna tieghu u tal-Kunsilliera responsabbli miz-zghazagh flimkien mal-youth worker il-gdida u maz-zghazagh infushom irnexxilhom jeghlbu dawn id-diffikultajiet u jwasslu l-progett fid-destinazzjoni tieghu. Is-sinjorina Cutajar reġgħet spjegat ruħa u qalet illi l-problemi tfaċċaw meta waslu biex ilestu l-proġett u mhux biex intrebaħ. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet ukoll illi kien hemm zmien fejn ħasbu li l-proġett mhux se titkompla minħabba n-nuqqas ta' Youth Worker.

3.9 Is-Sindku qal illi mxejna fuq l-irħas stima [ref punt 9.1] wara li s-Segretarju Eżekuttiv ma rċieva l-ebda stima oħra għat-tile-laying fl-iskola wara li ċempel lill-kunsilliera biex jistaqsi jekk għandhom kuntatti ta' persuni li jagħmlu dan ix-xogħol kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi impjegati ta' EneMalta ġew biex jaraw l-arblu li hemm fl-iskola primarja [ref punt 9.1] u qalu li m'hemmx problemi mal-arblu. Il-Viċi Sindku qal illi għandna nibagħtu korrespondenza direttament lil Power Station fejn għandhom jieħdu responsabilita f'kaz illi jiġri xi ħaġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa bagħat korrespondenza simili lil lchelpdesk ta' EneMalta

3.11 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi l-Kunsill se jaħli l-flus jekk ikompli bil-ħsieb illi nagħmlu l-kamera tas-CCTV mal-Bring In Sites ta' triq il-Kuċċard fejn qegħdin issa. Dan għalhiex fil-baġit intqal illi se jsir il-proġett rigward Vjal ix-Xarolla. Qal illi jkolna nagħmlu kameras, kurduna, ħajt, eċċ u kollox se jitneħħa meta jsir il-proġett. Il-kunsilliera kollha qablu li nneħħu d-domes minn hemm, dan wara li Kunsill ieħor diġa ħa azzjoni simili. Il-kamera li hemm fl-istess triq se tintuza f'post differenti minflok.

3.12 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk jista jmur lura għal punt 3.6 peress illi kien għadu assenti mil-laqgħa fil-bidu tal-'punti mill-Minuti'. Staqsa jekk tista tintbagħat emajl lil TM biex naraw jekk hemm permess għal loading bays ta' triq il-Kaċċatturi. Is-Sindku qal illi diġa tkellem mal-persuna li maret fuqu

rigward il-legalita tal-bay u qalilha li jekk thoss li l-parking bay hija llegali ghandha tressaq hi l-ilment lill-TM.
Il-Viċi Sindku qal illi hu se joġġezzjona kull azzjoni li jittieħed biex ineħħu dawn il-bays. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ma jistax jifhem ir-raġuni għalfejn hemm un/loading bays meta m'hemmx ħwienet. Il-Viċi Sindku qal illi ma jistax jifhem għalfejn l-istess kunsillier m'għamel l-ebda talba simili fis-snin ta' qabel. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandu kull dritt illi jitkellem u li qed jistaqsi f'isem resident. Il-Viċi Sindku qal illi l-istess resident għandha ħames garaxxijiet u xorta kienet tipparkja f'kaxxa riservat għall-persuna bi bzonnijiet speċjali. Qal illi dawk il-bays saru għax hemm 2 bibien ta 9 piedi u fihom jidħlu affarijiet kbar. Fakkar ukoll illi l-kunsillier Carlo Stivala kien parti mill-Kunsill meta ġie deċiz illi niffriskaw il-linji.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi qegħdin fi stat fejn qegħdin naħdmu fuq traffic management system, izda fl-istess ħin iridu noqogħu nistaqsu lil TM għal permess biex nagħmlu x-xogħol illi nixtiequ nwettqu aħna. Il-Kunsill aċċetta li jekk persuna tibgħat lil TM, nixmu skond ir-regolamenti li jibagħtu huma fuq dan il-kaz. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi xorta għandna nistaqsu lil TM rigward il-proċeduri biex jingħata permess għal un/loading bays.

**4. Korrespondenza**

4.1 **Lampa: triq in-Nassaba**: Resident ta' triq in-Nassaba għamel talba biex nagħmlu lampa ġdida. Il-Viċi Sindku qal illi waqt illi ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir lampa ġdida ma jaqbilx illi l-Kunsill iħallas għal dan ix-xogħol. Qal illi l-individwu għandu jara ma' EneMalta u mhux aħna. Żied illi l-Kunsill mhuwiex responsabli għall-instalazzjoni ta' lampi u li għandna nagħtu permess biex isir ix-xogħol biss. Kien hemm bozza fl-area li waqgħet meta saru xogħolijiet ta' konstruzzjoni fuq il-post u għalhekk il-Kunsill m'għandux jerfa r-responsabilita. Is-Sindku qal illi l-cables huma perikoluzi pero' jaqbel li ghandha tassumi r-responsabilita' l-Enemalta. Il-Kunsill ikkonkluda li EneMalta għandhom jieħdu responsabilita.

**5. Payment Approval Sheet**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għalfejn hemm kontijiet għoljin f'isem Mario Service Station. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan huwa l-ħlas tad-diesel għal wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL, kif

ukoll hemm xi ħaġa zgħira għal wieħed mill-impjegati tal-ETC. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ammont għall-ħaddiem tal-IPSL dejjem jammonta, bħala average, għal €100 fix-xahar. Il-kunsilliera qablu li barra l-ispejjez tad-diesel hemm il-wear and tear. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita li nibdew naħdmu bil-'button' fejn nissetjaw ammont ta' kredit ta' kull xahar għal dan il-ħaddiem. L-ebda kunsillier m'oġġezzjona li dan jitħallas għad-diesel izda fil-laqgħa li jmiss se jiġi diskuss l-ammont li għandu jieħu kull xahar.

5.2 Il-Payment Approval Sheet ġiet approvata u ffirmata.

**6. Bye-law: Sponsor għal kit tal-futbol tan-Nursery**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħsieb tal-proposti tal-bye-law ħareġ fid-DOI.
Is-Sindku qal illi diġa jaf illi hemm kumpanija mir-raħal illi esprimit ix-xewqa li tieħu l-kuntratt u li lesta toffri €1000 fis-sena għall-isponsor. Il-Viċi Sindku qal illi l-arma tal-Kunsill dejjem għandha tkun ikbar minn tal-isponsor u li ma jkun hemm l-ebda referenza għas-sigaretti/alkohol, eċċ fl-isponsor. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn, kif ukoll referenzi reliġjuzi/politiki/diskriminatorji huma projibiti skond l-ispecs.
Is-Sindku qal ukoll illi ma min tkellem talbet illi tieħu tlett tabelli f'postijiet biex tirriklama l-kumpanija f'kaz illi jaċċettaw il-bye-law biex nirriklamaw fuq l-għamara tat-toroq. Apparti min hekk talbet li jkollha l-logo tal-Kumpanija fuq quddiem tal-gearijiet tat-tfal (mhux dwak li jittrenjaw bihom) u fuq il-kits tal-coaches, riklam fuq il-FB page tal-Kunsill u dik tan-nursery, poster tal-kumpanija mwahhal mal-fence tal-ground u l-logo tal-kumpanija fuq it-trophies li jitqassmu waqt l-end of season. Il-Kunsill qabel.

**7. Tender: Soft areas**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa għall-ħsibijiet fuq l-ispecs illi ta lill-kunsilliera qabel l-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal illi fejn jidħol xiri ta' fjuri tal-istaġun għandna naqtgħu is-sajf il-barra u b'hekk niffrankaw ftit mill-ispejjez. Qal illi għandna naraw fjuri kuljum għall-bqija ta' dawk id-9 xhur.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fis-sajf għandna nagħmlu ftit fjuri għal fuq l-għajn u qal illi hemm sitt xhur fis-sena fejn m'hemmx spejjez t'ilma. Is-Sindku qal illi ghandna nallokaw budget fis-sena ghal dan il-kuntratt u naraw x'hemm bzonn isir fil-parametri ta' dan il-budget.

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ l-avviz fuq id-DOI.

**8. Ħwejjeg Oħra**

Is-Sindku:

8.1 qal illi l-għalliema tal-ġinnastika tixtieq tuza s-sala darbtejn fil-ġimgħa għax hemm domanda ikbar għall-klassi tagħha. Il-Kunsill qabel mat-talba izda għandha tuza s-sala fl-istess ġurnata u jsiru 2 lezzjonijiet wara xulxin.

8.2 qal illi hemm residenti f'triq Stiefnu Erardi li bnew post ġdid u għandhom bzonn illi titkompla l-bankina ezistenti quddiemhom. Fakkar illi kienu diġa bagħtu talba madwar sena ilu meta kienu qegħdin jibnu. Il-Kunsill qabel illi dan isir. Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn illi ssir kurduna miz-zgħar biex ikunu jistgħu jidħlu fil-garaxx.

8.3 staqsa lill-Viċi Sindku jekk hu jew l-MTA kienu għamlu 2 sleeping policeman fejn sar il-proġett tal-MTA fl-area tal-Ħlantun. Il-Viċi Sindku qal illi kien xoghol l-MTA. Is-Sindku qal li rċieva suġġeriment sabiex jitneħħew. Il-Viċi Sindku qal illi hu kien kontra li jsiru izda żied illi jkun hemm problemi jekk wieħed jagħdi minn hemm b'veloċita. Qal kien hemm raġuni għalfejn dawn saru u kien hemm qbil illi jibqgħu hemm.

8.4 irċieva bosta lmenti fuq l-iskip li hemm f'triq San Ġwann. Il-Viċi Sindku qal illi ma jaqbilx illi titneħħa għax jitħallew ġhud tal-annimali u l-iskip tingħalaq. Żied illi anqas kien qabel illi tneħħiet minn postha qabel, fejn kien hemm kamera fuq l-iskip, u li issa spiċċat quddiem id-djar tan-nies. Żied illi hemmhekk hemm il-piki u l-Kunsill m'għandux għalfejn jidħol fin-nofs.

**Il-kunsillier Carlo Stivala hawnhekk talab illi jkun skuzat mil-laqgħa [5pm]. Il-kunsillier Stivala kien skuzat mill-bqija tal-laqgħa.**

Il-Viċi Sindku tkompla u qal illi avolja m'hemm sorveljanza fejn qegħda issa, m'għandna nagħmlu xejn sakemm il-problemi jinsistu. Qal illi ma jaqbilx għax in-nies mhumiex edukati u avolja niffrankaw il-flus jekk ineħħu dan is-servizz, m'aħna se nsibu l-ebda soluzzjoni valida. Il-Kunsill qabel illi nistennew u naraw jekk il-problemi jippersistu.

8.5 ressaq suġġeriment illi jinxtraw izjed tiżjien tal-Milied biex jintramaw fit-toroq. Dan kien diġa ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti u s-Segretarju Eżekuttiv qal illi parti mill-fondi li ntalbu għall-attivita kulturali kienu għax-xiri tat-tizjien tal-Milied. Il-Viċi Sindku qal illi hija ħaġa sabiħa u żied illi dak illi għandna, minn dejjem kien jinzamm għand tal-armar.

Il-Viċi Sindku Francis Callus:

8.6 qal illi malli jkollna l-AED's lesti, hemm bzonn illi jsir kors fuq l-użu tagħhom. Kien hemm qbil fuq dan.

8.7 talab għal update rigward id-dawl tal-ġnien il-Ħelsien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat id-dokumenti lill-ARMS wara li oġġezzjonaw it-talba oriġinali tal-Kunsill. Qal ukoll illi mar fuq il-post ma' kuntrattur tad-dawl illi qal illi x'aktarx se jkolna nbidlu l-kaxxa ezistenti biex nagħmlu l-meter. Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn illi jsir kaxxa ġdida, u li jsir timer jew photocell fuq il-main tal-lighting.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

8.8 resqet talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex isir Treasure Hunt f'Novembru. Il-Kunsill qabel.

8.9 ipproponiet il-Buskett u l-Għar il-Kbir bħala l-Ħarġa tax-xahar illi jmiss. Il-Kunsill qabel.

8.10 qalet illi l-KLŻ se jaqsmu d-DVD's tax-xogħol illi għamlu għall-proġett ta' din is-sena.

8.11 qalet illi wara s-suċċess tal-attivitajiet tas-sajf irċeviet talbiet biex ikomplu biz-zumba u Yoga fix-xitwa. Il-Kunsill qabel.

8.12 resqet proposta biex isiru korsijiet fuq Mental Health u First Aid. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-passat il-Kunsill prova jagħmel kors ta' First Aid izda ma kienx hemm konkorenza dak iz-zmien.

8.13 qalet illi hemm 2 tabella [‘Merħba Ħal Safi’] li għandhom bzonn jinbidlu. Dawn jinsabu f’triq Carmelo Caruana u f’triq iż-Żurrieq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn kien saru minn naħa ta’ HSBC u se jibagħtilhom.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

8.14 Kien skuzat mil laqgħa

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

8.15. qal illi l-ġardinar għandu jmur jizbor is-siġra li hemm fejn il-Kappillan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nhar it-Tnejn 19 ta’ Ottubru, ġie ordnat cherry picker għax-xogħol illi konna se nagħmlu rigward il-kamera ta’ triq il-Kuċċard u li wara c-Cherry Picker kienet se tintuza għal dawn it-tip ta’ xogħolijiet [hemm 2 siġar oħra f’ġnien Dun Karm Vella u f’triq il-Ħajt Ruman].

9. **Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm.

13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit-12 ta’ Novembru

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |